MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 13/2004

**Avviz numru 13/04DM**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, f'isimha proprju u ghan-nom ta' Enemalta**

**Vs**

**Joseph Friggieri (ID 201766 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Korporazzjoni attrici talbet il-kundanna tal- konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u disgha u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm1979,75) dovuti mill-konvenut lilha proprio et nomine ghall-konsum u kera ta' 'meter' ta' l-ilma u ghall-konsum u kera ta' 'meter' ta' l-elettriku fil-fond 155, 'Mistique Rose', Triq Indri Grima, Msida, ghall-perjodu minn qabel l-1996 sat-3 ta' Ottubru, 2003, skond il-kont numru 342075540 u dokument anness ma' l-Avviz (WSC 1).

Bl-ispejjez, u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jidher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u konsegwentement qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elf, disgha mija, disgha u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,979.75) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mid-9 ta' Jannar, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------